**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 7 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Joseph Arthur Cilia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Joseph Arthur Cilia detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 370638M, akkuzat talli fl-14 t' Ottubru, 2019 u matul ix-xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddieħor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 121 t' Ottubru, 2019 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2020 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll l-eta' avvanzata tal-imputat. Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u cioe' li l-materjal li kellu fil-pussess tieghu l-imputat instab minn fuq l-internet u gie ddownlowdjat ghal fuq il-Kompjuter tieghu izda ma jirrizultax li huwa baghtu lil haddiehor. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li piena taht l-Art. 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208A u 208A(1B) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-

konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela

Deputat Registratur